

**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005283/2014
lill-Kummissjoni**

Artikolu 117 tar-Regoli ta' Proċedura
Claudette Abela Baldacchino (S&D)

Suġġett: Il-ġeneru u d-drogi

Is-sustanzi psikoattivi l-ġodda, li jista' jkollhom ħafna użi kummerċjali u industrijali kif ukoll użi xjentifiċi, jisgħu jippreżentaw riskji għas-saħħa, għas-soċjetà u għas- sikurezza meta jiġu kkonsmati mill-bnedmin. Il-konsum tas-sustanzi psikoattivi l-ġodda jidher li qed jiżdied fl-Ewropa u l-użu tagħhom hu predominanti fost iż-żgħażaġħ. Skont l-Ewrobarometru 'L-attitudni taż-Żgħażaġħ fir-rigward tad-drogi', 5 % taż-żgħażaġħ fl-UE użaw tali sustanzi mill-inqas darba f'ħajjithom, bl-ogħla rata ta' 16 % fl-Irlanda, u kważi 10% fil-Polonja, il-Latvja u r-Renju Unit.

Il-konsum tas-sustanzi psikoattivi l-ġodda jista' jikkawża dannu għas-saħħa u għas-sikurezza tal-individwi u jista' jippreżenta riskju għas-soċjetà u jqiegħed piż fuqha, peress li dan jista' jwassal għal imġiba vjolenti u għal kriminalità. Il-fatt li dawn is-sustanzi tfaċċaw u nxterdu tant malajr wassal lill-awtoritajiet nazzjonali biex jissottomettuhom għal diversi miżuri restrittivi. Mijiet ta' tali sustanzi jew taħlitiet ta' sustanzi ġew suġġetti għal miżuri differenti ta' restrizzjoni fl-Istati Membri fis-snin riċenti.

1. Il-Kummissjoni tista' tistma kemm jiswa għal kull Stat Membru biex jgħin lill-persuni joħorġu miċ-ċirku vizzjuż tal-abbuż mid-drogi u s-sustanzi u jtaffi l-effett tagħhom?
2. Il-Kummissjoni tista' tagħti informazzjoni dwar kemm mill-utenti tad-drogi huma nisa f'kull Stat Membru u l-etajiet tagħhom, u tista' tiddikjara jekk il-proporzjon tal-utenti nisa tas-sustanzi psikoattivi hux ogħla minn dak tal-utenti irġiel jew vice versa?
3. Xi proġetti għandha intenzjoni li tibda l-Kummissjoni fil-ħames snin li ġejjin biex ittaffi l-impatt tal-abbuż mid-drogi?